# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 30/2017**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**George Degiorgio**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **George Degiorgio**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 164963(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tas-14.30hrs waqt li kien fi Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Baħar:

1. bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil PC 844 C. Micallef u PC 979 D. Mohr uffiċjali nkarigati b'servizz pubbliku biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom;

2. volontarjament kiser il-paċi pubblika u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;

3. volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku;

4. inġurja u/jew hedded bi kliem lil PC 979 D. Mohr persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz jew bi ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. naqas li jobdi ordnijiet legittimi ta' awtorita' ċioè ta' PC 979 D. Mohr persuna nkarigata minn servizz pubbliku, jew ma ħallihx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijietu billi ma ħallihx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li PC 979 D. Mohr kien għamel skont il-liġi jew b'xi mod ieħor;

6. irrifjuta li jagħti jew ta falz lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku ċioè lil PC 979 D. Mohr waqt li kien qiegħed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikularijiet oħra;

7. rema', tefa jew xort'oħra iddepożita f'post, ġewwa post jew minn xi post, fil-beraħ li l-pubbliku għandu d-dritt jew jista' jidħol fih mingħajr ħlas, u ħalla xi ħaġa tkun stabbli f'ċirkostanzi tali li kkaġuna, ikkontribwixxa jew li tista' twassal għal tkerrih biż-żibel u skart ta' xi post fil-beraħ;

8. sar reċidiv billi kiser diversi sentenzi *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2017, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 95, 251(3), 338(g), 338(dd), 338(ee) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħati tal-imputazzjonijiet

kollha dedotti fil-konfront tiegħu pero' sa fejn jirrigwarda biss lil PC 979 Daniel Mohr fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u bħala reċidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement kkundannatu seba' (7) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2017 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha:*

*i.* *tħassar is-sentenza appellata stante li hija nulla u sabiex l-esponenti ma jiġix ipprivat mid-dritt tad-doppio esame, tibgħat l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex il-każ ikun iġġudikat mill-ġdid; jew*

*ii.* *fl-eventwalita' li l-ewwel aggravju jkun miċħud u b'hekk is-sentenza mogħtija tiġi dikjarata bħala waħda valida ai fini u effetti kollha tal-liġi, li tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi:*

*a.* *filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha fejn sabet lill-esponenti mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' PC 844; u*

*b.* *tikkonfermaha fejn iddikjarat lill-esponenti bħala reċidiv biss a tenur tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali; u*

*c.* *tikkonfermaha in kwantu l-esponenti nstab ħati a tenur tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 206 tal-Liġijiet ta' Malta u;*

*d.* *tirrevoka l-istess sentenza appellate kwantu s-sejbien ta' ħtija taħt il-kumplament tal-ewwel imputazzjoni, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, billi tiddikjarah mhux ħati u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena; u*

*e.* *rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr pregudizzju għall-aggravji dwar il-mertu u l-punti ta' dritt, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija hekk kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati jew b'xi mod ieħor, illi tvarja u*

> *timmodifika s-sentenza appellate kwantu l-piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jgħid li s-sentenza appellata hija nulla minħabba s-segwenti:

- Għaliex l-Ewwel Qorti semmiet Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fid-*decide* tas-sentenza tagħha u b'hekk huwa nstab ħati li uża l-vjolenza kontra l-privat li skont huwa ma kienx akkużat bih. Jisħaq li l-kawża kienet dwar diverbju li huwa kellu mal-Pulizija u li b'hekk huwa kien misjub ħati ta' reat li qatt ma kien akkużat bih.

- Jirreferi wkoll għar-riferenza li għamlet l-Ewwel Qorti għal Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta fid-*decide* tas-sentenza appellata. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma semmietx a bażi ta liema artikolu mponiet il-piena fuqu: jekk hux *ai termini* ta' Artikolu 9(1) tal-Kapitolu msemmi jew hux *ai termini* ta' Artikolu 9(1A) tal-istess Kapitolu. Jgħid li ma

jistax jifhem kif inħadmet il-piena u li ma kienx f'pożizzjoni li jappella dwar il-piena.

- Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma ċċitatx Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar dan l-aggravju in eżami din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi fir-rigward ta' dak sollevat mill-appellant fl-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Minkejja li l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti semmiet Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li skont hu qatt ma kien mixli bih għandu jiġi nnutat li l-appellant mhux qed ikun eżatt. Minn qari tal-ewwel (1) imputazzjoni jirriżulta hekk:

  > "bl-imġiba tiegħek ikkaġunajt lil PC 844 C. Micallef u PC 979 D. Mohr uffiċjali nkarigati b'servizz pubbliku biża' li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom."

  Biżżejjed wieħed iqabbel il-kliem użat f'Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex jara x-xebħ bejn il-kliem użat fl-imputazzjoni u l-kliem ta' dan l-artikolu li jgħid hekk:

  > "Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna [...]."

B'hekk isegwi li l-appellant ma għandux raġun dwar dan il-punt.

- Dwar dak li l-appellant isejjaħ in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li ssemmi jekk il-piena fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni kinitx *ai termini* ta' Artikolu 9(1) jew 9(1A) tal-Kapitolu 206 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti, filwaqt li tinnota li l-appellant xorta appella mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti, pero' fl-istess waqt tinnota wkoll li skont Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti hija marbuta li tindika biss l-artikoli tar-reati li wieħed ikun instab ħati tagħhom. Għal kull buon jiġi rilevat li l-appellant ma appellax mis-seba' (7) imputazzjoni (Ara l-aħħar paragrafu tat-tieni paġna tar-Rikors tal-appell *ossia a fol.* 38).

- Fir-rigward tan-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tiċċita Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li l-fatt li l-Qorti msemmija ma semmietx dan l-Artikolu ma jġibx in-nullita' tas-sentenza. Bħalma diġa' ntqal, Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar dwar liema artikoli għandhom ikunu ndikati mill-Qorti u dawn huma dawk tar-reati li l-imputat ikun instab ħati tagħhom. Artikolu 17 tal-Kapitolu msemmi ma jikkontempla ebda reat.

Illi b'hekk, tenut kont ta' dak li ngħad fir-rigward tal-aggravju in eżami, isegwi li dan l-aggravju jistħoqqlu jkun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-preskrizzjoni. Jagħmel riferenza għat-tieni (2), għat-tielet (3), għall-ħames (5) u għas-sitt (6) imputazzjoni li skont hu jaqgħu taħt Artikoli 338(dd), 338(bb), 338(ee) u 338(g) rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant ma jgħid xejn aktar dwar dan l-aggravju.

Illi wara li din il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali jirriżultalha s-segwenti:

- l-allegati imputazzjonijiet seħħew fl-10 ta' Mejju 2016;

- fuq iċ-ċitazzjoni hemm it-timbru tal-Pulizija bid-data tas-7 ta' Lulju 2016;

- l-ewwel seduta quddiem l-Ewwel Qorti kellha tinżamm fit-3 ta' Ottubru 2016 bħala d-data meta kellu jinstema' l-każ u effettivament kienet fuq il-listi tal-kawżi ta' dakinhar (*a fol.* 7).

Illi jirriżulta li ċ-ċitazzjoni kontra l-appellant inħarġet f'inqas minn xahrejn. L-appellant f'ebda mument ma jgħid li ġie notifikat aktar tard minn tliet xhur. Apparti minn dan, Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> "Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu nbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tielet aggravju</u> huwa dwar l-inammissibilita' ta' prova minħabba li l-appellant jilmenta li l-affidavit ta' PC 844 C. Micallef huwa redatt bil-lingwa Ingliża meta l-proċeduri huma bil-lingwa Maltija.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-appellant fl-ebda mument ma qajjem xi oġġezzjoni dwar l-affidavit in kwistjoni għajr fir-Rikors tal-appell tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tarax kif dan l-affidavit kellu jkun inammissibbli għaliex redatt bil-lingwa Ingliża. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li jekk kien hemm xi diffikulta' dwar il-lingwa setgħet intalbet traduzzjoni tiegħu b'dan illi mill-proċess jirriżulta li l-uffiċjal in kwistjoni

lanqas biss tħarrek għall-kontro-eżami. Għaldaqstant dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju tal-appellant li l-appellant isejjaħlu bħala "dwar punti ta' dritt", l-appellant jgħid hekk:

- Li l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni mhumiex diversi. Jgħid li t-tnejn jaqgħu taħt Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Li l-ħames imputazzjoni hija alternattiva għall-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni.

Illi l-appellant jisħaq li l-piena għandha tkun skont l-għemil li jkun sar skont il-prinċipju tal-proporzjonalita'.

Illi fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Minkejja li l-appellant jissottometti li l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni ma humiex diversi u li dan seta' kabbar il-piena, pero' jirriżulta li dawn iż-żewġ imputazzjonijiet msemmija ma humiex identiċi. Għalkemm l-individwi jissemmew bir-*rank* tagħhom fil-Korp tal-Pulizija, l-ewwel (1) imputazzjoni hija aktar intiża sabiex żgur ma jkunx hemm biża' li persuna tibda tibża' x'jista' jiġri lilha jew fil-proprjeta' tagħha u r-raba' (4) imputazzjoni hija intiża għal dak li jiġri waqt li persuna qegħda tagħti s-servizz u tkun inġurjata u/jew mhedda. Għaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet imsemmija mhumiex identiċi. Għal kull buon fini jingħad li ma hemm xejn ta' ostakolu li huma jistgħu jkunu kompriżi u nvoluti għall-finijiet ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

- Fir-rigward ta' Artikoli 95 u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tosserva li dawn l-artikoli mhumiex identiċi. Filwaqt li Artikolu 95 huwa speċifiku ħafna u huwa dwar inġurji, theddid kontra uffiċjali pubbliċi jew offiżi fuq il-persuna tagħhom, minn naħa l-oħra Artikolu 338(ee) għandu x'jaqsam ma' diżubbidjenza tal-ordnijiet mogħtija u għalhekk ikopri sfera differenti tal-kriminalita'.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ħames aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Huwa jgħid is-segwenti:

- ma tressaq ebda xhud terz għas-sejbien ta' ħtija tal-ksur tal-paċi pubblika;

- dwar l-imputazzjoni dwar il-kliem oxxen, jgħid li l-affidavit ta' PC 979 Daniel Mohr huwa monk għal kollox dwar din l-imputazzjoni;

- dwar in-nuqqas ta' ubbidjenza ta' ordnijiet, jgħid li minn analiżi tal-affidavit ta' PC 979 Daniel Mohr juri kif kull darba li hu (l-appellant) ġie ordnat ineħħi l-vettura tiegħu, huwa għamel hekk għal darba, darbtejn;

- ma hemmx provi dwar ir-rifjut tal-għoti tal-*particulars* u li bilfors li l-uffiċjal kien jafu;

- *"Mill-esperjenza tal-Ġudikant togat, huwa altru minn palesi li l-imputazzjonijiet mogħtija lill-esponenti lkoll jinsabu fil-liġi, pero' huwa palesi ukoll li fil-kors normali tax-xogħol tal-Pulizija, jistonaw dawk il-każijiet fejn, bħal fil-każ odjern, "they throw the whole book at the accused"."*

Illi dan l-aggravju jirrigwarda apprezzament tal-provi. Dwar l-apprezzament tal-provi hija ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk minn tali provi hija setgħet tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-13 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele (**Numru 430/13) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "6. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Illi din il-Qorti eżaminat dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u għamlet s-sommarju tal-provi kif jidher hawn taħt. Mill-provi prodotti jirriżulta dan li ġej:

- Skont l-affidavit ta' **PC 979 Daniel Mohr** (*a fol.* 3 *et seq.*) fl-10 ta' Mejju 2016 għall-ħabta tas-14.15hrs waqt li kien flimkien ma' PC 844 ġewwa Triq Sir Luigi Preziosi, ħdejn Chris Bar kienu lemħu vettura bi pjanċi DAVIDUCU ipparkjata fuq il-bankina baxxa u d-*double yellow line*. Jgħid li staqsa lil persuna jekk il-vettura kinitx tiegħu li wieġbu li l-vettura tiswa l-flus. L-uffiċjal talbu biex iressaq l-imsemmija vettura u jipparkjaha b'mod legali u li l-persuna baqa' bil-qegħda fejn kien u l-Pulizija reġa' talbu jneħħi l-vettura inkella kien ser jagħtih ċitazzjoni. Il-persuna qalet li ma kinitx problema u l-uffiċjali komplew bir-ronda. L-istess uffiċjal reġa' għadda mill-istess post għaxar minuti wara u ra l-vettura pparkjata n-naħa l-oħra tat-triq u fuq *double yellow line* ieħor. Huwa ġibed l-attenzjoni tal-istess persuna u dan beda jgħajjat u jgħid il-

għala kienu reġgħu marru. Il-persuna resqet ħdejh u beda jidgħi kemm jiflaħ u qallu: *""Mela jien ommok biex qiegħed tagħmilli hekk?""*. L-uffiċjal qallu biex ma jgħollix leħnu u widdbu li kien ser joħroġlu T.O.T. Jgħid li l-persuna bdiet tgħajjat u tidgħi u qal li jekk tinħareġ ċitazzjoni huwa kien ser ipattiha lill-uffiċjal. Irrifjuta li jagħti l-Karta tal-Identita' u kompla jheddu li kien jaf min hu u li ser ipattihielu. Huwa qal li ma kienx jibża' mill-uffiċjal u mill-ebda membru ieħor tal-Pulizija. Waslu membri oħra tal-Pulizija u hu qabad iċ-ċitazzjoni u ramieha mal-art.

- Fl-affidavit tiegħu **PC 844 C. Micallef** (*a fol.* 5 *et seq.*) mexa fuq l-istess binarju tal-affidavit ta' PC 979 Daniel Mohr. Jingħad li meta kien qal lill-appellant allura imputat biex iċaqlaq il-vettura minn fejn kienet u sabiex ipparkjaha b'mod skont il-liġi, l-appellant saq il-vettura u wara l-uffiċjali ndunaw li l-vettura kienet ipparkjata n-naħa l-oħra tat-triq fuq *double yellow line*. Jgħid li l-appellant beda jgħajjat u jidgħi u jhedded li jekk toħroġ ċitazzjoni kien ser ipattiha lill-Pulizija u żied jgħid li ma jibża' mill-ebda Pulizija.

- L-appellant allura imputat **George Degiorgio** (*a fol.* 26 *et seq.*) xehed li kien ordna pizza u li kien mar għaliha xi ħames minuti qabel. Jgħid li kien ipparkja ħdejn Chris Bar u li l-Pulizija kienu kellmuh b'arroganza kbira biex ineħħi l-vettura u hu tefagħha faċċata. Jgħid li ftit wara reġgħu marru l-uffiċjali u qalulu li kienu ser jagħtuh ċitazzjoni u li meta sema' li xorta kien ser jagħtih ċitazzjoni minkejja li kien ser ineħħi l-vettura, ix-xhud qallu li kien ser ipattiehielu. Jgħid li ħafna nies jipparkjaw hemm u ħadd ma jaqla' ċitazzjoni. Fil-<u>kontro-eżami</u> huwa qal li ma jidhirlux li hemm *double yellow line*. Mistoqsi jgħid jekk kienx fuq il-bankina, huwa wieġeb: *"Ma nafx x'inhi imma mhix bankina"* (*a fol.* 28). Jgħid li marru wara tletin sekonda u apposta kienu għamlu hekk. Jgħid li huwa kien ipparkja quddiem id-dar tal-anzjani u qal li hemm huwa *reserved*. L-Ewwel Qorti hawn irrimarkat u qalet (*a fol.*

29): *"Issa reserved u double yellow line, suppost xorta m'għandekx tipparkja"*.

Illi l-appellant jissottometti li hu qatt ma kellu jinstab ħati tal-ksur tal-paċi pubblika. Din il-Qorti tqis li l-Qrati dejjem eżiġew li biex din l-imputazzjoni – dwar *disturbance of the public peace* – tiġi ppruvata, irid jiġi ppruvat li l-persuna akkużata tkun ikkaġunat inkwiet jew biża' f'xi ħadd li kien preżenti. Mill-atti proċesswali dan ma jirriżultax tant li l-Prosekuzzjoni anqas pproduċiet xi persuni biex jixhdu dwar din l-imputazzjoni.

Illi fir-rigward ta' kliem oxxen, din il-Qorti tinnota li jirriżulta li fit-tielet (3) imputazzjoni l-Prosekuzzjoni ma kellhiex f'moħħha Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imma Artikolu 342 tal-istess Kapitolu li *del resto* ġie msemmi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi minkejja li l-appellant jissottometti li hu kien obda lill-Pulizija u ċaqlaq il-vettura, il-provi juru mod ieħor. In fatti jirriżulta li l-appellant ma riedx jobdi u meta ċaqlaq il-vettura l-ewwel darba kien jaf li ċaqlaqha ħażin. Żgur li l-ordni tal-Pulizija ma kinitx biex minn fuq *double yellow line* imur għall-ieħor.

Illi fir-rigward tal-imputazzjoni li hu ma riedx jagħti l-*particulars* tiegħu fejn l-appellant jissottometti li ma hemmx provi li ma riedx jagħti dawn il-*particulars*, din il-Qorti tinnota li anke hawn il-provi juru xort'oħra. In fatti, fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 3 *et seq.*) PC 979 Daniel Mohr jgħid hekk: *"Jiena minnufih tlabtu sabiex jipprovdi l-karta tal-identita', fejn irrifjuta u kompla jheddidni li jaf min jien u ser ipattihieli."* B'hekk jirriżulta biċ-ċar li l-appellant kien irrifjuta li jagħti l-*particulars*.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, l-aggravju in eżami ser ikun milqugħ biss fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u ċioè dik li toħroġ minn Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi s-sitt aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li huwa jqisha bħala oneruża. Jgħid li seta' ntuża Artikolu 378 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li qatt ma kienet eskluża mil-leġislatur kull darba li emenda Artikolu 95 tal-istess Kapitolu msemmi. Jgħid li hawn si tratta ta' inġurja kontravenzjonali u li dan il-każ ma jimmeritax piena ta' priġunerija effettiva. Jisħaq li seta' ġie applikat Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li PC 979 Daniel Mohr f'ebda ħin u mument ma ġarrab xi offiża fuq il-persuna tiegħu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tagħmel tagħha dak li qalet l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet hekk (*a fol.* 33):

> "Illi ai fini ta' piena, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati u wkoll il-fedina penali tal-imputat, li minnha jirriżulta illi din mhux l-ewwel darba li l-imputat kellu kwistjonijiet ma' uffiċjali tal-Pulizija, pero' jidher li baqa' ma tgħallimx. Illi l-imputat irid jifhem illi l-forzi tal-ordni jeżistu proprju biex iżommu l-ordni fil-pajjiż u kwalunkwe sfida kontra dan il-għan hija serja ħafna."

Illi din il-Qorti tinnota li hija ser tvarja s-sentenza appellata fis-sens li l-appellant ser jiġi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni. Minkejja dan, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fil-parti ċitata mis-sentenza appellata u tenut kont ta' dak li l-appellant ġie misjub ħati tiegħu mill-Ewwel Qorti u li ġie kkonfermat minn din il-Qorti, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida sabiex tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. B'hekk l-aggravju in eżami qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant George Degiorgio u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tat-tmien (8) imputazzjoni u dana sa fejn jirrigwarda biss lil PC 979 Daniel Mohr fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u bħala reċidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tagħha u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjoni msemmija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat seba' (7) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000).

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**